MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Numru 97/2013

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**Nur Mohammed Misbah**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Nur Mohammed Misbah ta’ 24 sena ta’ Nazzjonalita minn gewwa l-Ethiopia, iben Nur u Fatima, imwieled gewwa l-Ethiopia nhar il-01.01.1989 u residenti gewwa Hal Far tent village u detentur tal-Police number 11C-138 gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Matul ix-xahar ta’ Dicembru 2012 u qabel, f’dawn il-gzejjer, ghamel delitt billi imbarka minn Malta minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali ta’ l-

Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg u dan bi ksur ta' Artikolu 28 tal-Kap 217 ta' Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta' Frar 2013 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-1 ta' Frar 2013 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-1 ta' Frar 2013  ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat u kkunsidrat ukoll l-agir tal-imputat kien dovut ghaliex huwa kien qed ifittex hajja ahjar.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija

li b’ applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------